REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 708/2009

tal-5 ta' Awwissu 2009

li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 1915/83 rigward il-perjodu ta' żmien għat-tressiq tal-prospetti tal-irziezet għas-sena tal-kontabilità tal-2008 mill-aġenzija ta' kooperazzjoni tal-Italja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Nru 79/65/KEE tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1915/83 tat-13 ta' Lulju 1983 dwar regoli dettaljati ta' implimentazzjoni dwar iż-żamma ta' kontijiet biex ikun determinat id-dħul ta'ażjendi agrikoli [2] jipprovdi li mis-sena tal-kontabilità tal-2005 'l quddiem, l-aġenzija ta' kooperazzjoni għandha tgħaddi l-prospetti kollha tal-irziezet lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard minn 12-il xahar wara t-tmiem tas-sena tal-kontabilità inkwistjoni.

(2) Bħala miżura ta' eċċezzjoni għas-sena tal-kontabilità tal-2008, huwa xieraq li l-Italja tingħata perjodu itwal biex tibgħat id-dejta sabiex tkun tista' tlesti t-tiġdid tas-sistema tal-IT li tintuża għall-ipproċessar tad-dejta tal-kontabilità miġbura biex jiġi ddeterminat id-dħul tal-azjendi agrikoli.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk ta' Dejta tal-Kontabilità tal-Irziezet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'deroga mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1915/83, għas-sena tal-kontabilità tal-2008, l-aġenzija ta' kooperazzjoni tal-Italja għandha tgħaddi l-prospetti tal-irziezet lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard minn 15-il xahar wara tmiem dik is-sena tal-kontabilità.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU 109, 23.6.1965, p. 1859-65.
[2] ĠU L 190, 14.7.1983, p. 25.